**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA'**

**MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA. LL.D.**

Illum, 28 t'Ottubru, 1998

Rikors Nru: 22/94B

Francis Scicluna kif debitament nominat amministratur b'digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' April 1994

vs

Joseph Farrugia

Il-Bord,

Ra r-rikors in ezami li permezz tieghu ir-rikorrenti nomine wara li ippremetta 1) illi l-intimat qieghed jokkupa l-ghalqa msejha ta' Sinserna, f'B'Bugia u mal-imsemmija razzett b'titolu ta' qbiela minghand l-esponenti versu l-qbiela ta' disa' liri (Lm9) fis-sena.

2) Illi l-intimat gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datat 30 ta' April 1992 illi ghamel uzu mill-ghalqa fuq imsemmija biex jiffabrika sustanzi splussivi, u dan minghajr il-kunsens tal-esponenti.

3) Illi inoltre l-intimat ghamel diversi hsarat billi dan halla l-ghalqa u r-razzett sdungati, mitluqa u minghajr ebda forma ta' manutenzjoni kif jindikaw r-ritratti hawn esebiti u r-rapport tal-Perit Lawrence Gatt A&CE.

4) Illi ukoll minn xi zmien l'hawn l-intimat issulloka porzjoni mill-imsemmija ghalqa.

Talab lil din il-Qorti (SIC) joghgobha tiffissa zmien qasir u perentorju li fih l-intimat ghandu jigi ordnat jizgombra mill-ghalqa in kwistjoni ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha espona 1) illi preliminarjament tenhtieg korrezzjoni fir-Rikors promotorju fis-sens illi jrid jigi korrettement indikat il-Bord li fih sar ir-Rikors; ghandu jigi indikat korrettement fl-okkju ta' min huwa amminstratur ir-Rikorrent;

2) Illi fil-mertu mhux minnu li l-esponent kkawza hsara kif allegat fir-Rikors;

3) Illi ma gietx sullokata parti mill-ghalqa;

4) Illi ghaldaqstant it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Sema' ix-xhieda prodotti u ra id-dokumenti esebiti mill-istess rikorrenti.

Ra l-atti kollha.

Ikkunsidra:

Illi in sostenn ta' dak premess fl-istess rikors in ezami, gew prodotti is-segwenti xhieda u esebiti diversi dokumenti kif ser jinghad:-

c) L-istess intimat Francis Scicluna (a fol. 14, 41 u 79 seq ibid) wara kif spjega kif sar amministratur tal-ghalqa in kwistjoni, xehed li l-istess ghalqa hi mqabbla lill-"konvenut" (intimat) li hu bidwi "part timer". Fl-10 ta' Awissu 1994, kien mar fl-istess ghalqa, ta' madwar 20 tomna, akkumpanjat max-xhud l-AIC Lawrence Gatt, u sab li ir-razzett fl-istess ghalqa kellu hsarat kbar (ara ir-relazzjoni "ex parte" tal-AIC Lawrence Gatt anessa ukoll mar-rikors flimkien ma' ritratti

rispettivament markati Dok B u C). In oltre kif jidher mill-kopja ta' sentenza annessa dejjem mal-istess rikors markata Dok.A (ara fol 3 tal-process) l-intimat kien instab hati talli hadem "xi nar" fl-istess raba'. Skond dejjem l-istess rikorrenti, kemm il-darba, fl-istess raba', kien ra "certu Ciantar" lil min kienet giet sullokata parti mill-istess raba'. In oltre kien ipprova jasal f'xi arrangament mal-intimat izda dan kien qal lir-rikorrenti sabiex johroglu il-barra "ghax hemmhekk ma kellu xejn". B'referenza ghall-istess raba' u in rigward dan saret referenza ghar-ritratti hawn fuq imsemmija, ftit minnu kien jinhadem, ftit minn kien sdingat ("hitan inwaqqghin, sigar maqtugha, terrapien mitfugh"). Skond ir-rikorrenti kien jidher li l-istess raba' kien jintuza ghall-insib u kacca anke' minn terzi persuni (ara ukoll ix-xhieda tal-Perit Lawrence Gatt a fol 39 tal-process) kif ukoll ritratti ohra esebiti a fol 78 tal-process indikati minn A sa F mehudin fid-29 ta' Settembru, 1995 in konnessjoni ma' hsarat specifikament a fol 79 u 80.

2) Emanuel Ciantar (a fol 48 seq ibid) spjega li hu jghin lill-intimat sabiex jahdem l-istess ghalqa. Sussegwentement xehed testwalment "L-art kollha nahdimha jiena. L-intimat ma jahdimiex fil-fatt." "Jien qatt ma hallasthom pero' ix-xoghol dejjem ghamiltulhom b'xejn". Difatti skond ix-xhud kien hemm ftehim li hu jghin "f'raba' iehor talli huma ihallsu (b'referenza ghan-nannu, il-missier tal-intimat u l-istess intimat) nahdem din l-art". Minn xi ritratti hu sahaq li dik murija fuqhom mhix art sdingata izda "art li ma tistax tinhadem."

3) Jakkompanja lir-rikorrenti u il-Perit Lawrence Gatt meta dawn marru jaraw ir-razzett u art in kwistjoni kien hemm ukoll "Francis Ciantar" (a fol 50 tal-process). Dan spjega in rigward ir-raba' in kwistjoni li il-parti il-kbira kienet sdingata bir-rimanenti mahdum. In rigward ir-razzett hu qal, fi kliemu stess "l-ghalqa il-post hu ftit malandat fis-sens li jien ma noqghodx fih. Hemm xi kmamar li ma tantx huma tajbin pero' hemm xi ohrajn li ma humiex daqshekk hziena".

3) Philip Bonnici (a fol 5 seq ibid) dettaljat mal-Awtorita' tal-Ippjanar seta' jispjega li fit-22 ta' Marzu, 1994 kienet inharget "stop notice" kontra Joseph Farrugia talli dan kien bena hajt ta' gholi ta' erba' filati kif ukoll in konnessjoni ma' materjal li twaddab fuq sit minghajr il-permess necessarju. In rigward jekk kienetx inharget "enforcement order" fil-15 ta' April 1994, dan ix-xhud ma setax jikkonferma dan il-punt minhabba ir-raguni moghtija fl-istess xhieda. Pero' in rapprezentanza tal-istess Awtorita' imsemmija kien gie prodott Joseph Felice (a fol 64 seq ibid). Wara li dan ix-xhud ikkonferma li fuq ir-ritratti gia' imsemmija li jinsabu a fol 17 tal-process kienet tidher l-art in kwistjoni, kompla jghid li minhabba "munzell materjal hawnhekk u hajt tal-gebel xi zewg filati jew tliet filati "kien inhargu kemm "stop notice" kemm "enforcement order" (ara Dok.FX1 u Dok.FX2 a fol 62 u 63 tal-process).

4) Lawrence Zammit (a fol 66 sec ibid) in rapprezentanza tal-Korporazzjoni EneMalta, irrefera ghal linja tal-elettriku mhix awtorizzata u maghmula abbusivament f'post mhix specifikat fid-Distrett ta' Hal Luqa kif ukoll ghal sigilli li kienu proprjament ta' post iehor.

Ikkunsidra

Illi fl-4 ta' Marzu, 1997 sar access mill-Membri Teknici ta' dan il-Bord li ssottomettew ir-relazzjoni relattiva li tinsab a fol 99 tal-process. Fil-qasir gie kkostatat mill-istess esperti li ir-raba' in kwistjoni hu maqsum f'diversi ghelieqi uhud minnhom raba' baxx u imhawwel sigar ornamentali u harrub u jintuza primarjament ghall-insib u kacca u ghelieqi ohra ta' cirka hdax il-tomna mahdumin sewwa skond il-mistier." In rigward ir-razzett f'relazzjoni separata li tinsab a fol 102 tal-atti, gie ikkostatat li dan il-bini kien antik, primarjament uzat ghal bhejjem, ucuh tar-raba' u magazzinagg pero' b' nuqqas evidenti ta' manutenzjoni tul is-snin li accellera il-grad ta' hsarat fl-istess razzett u fi gab is-soqfa fi grad ta' deterjorazzjoni teknika.

Ikkunsidra:

Illi, da parti tal-intimat, avolja inghata opportunita' dan naqas li jgib xi prova kwalunkwe.

Ikkunsidra:

Illi b'referenza ghall-kawzali specifikati fir-rikors "in desamina" jidher li a) qabel il-31 ta' Awissu, 1991 l-intimat kien juza r-razzett in kwistjoni ghal xoghol ta' nar intiz ghal festi. In rigward dan ma irrizultax li dan sar bil-kunsens tas-sid.
b) In rigward hsarat irrizulta, mill-provi u gie kostatat mill-istess periti teknici li strutturalment u minhabba nuqqas ta' manutenzjoni, is-soqfa huma fi stat ta' deterjorament tekniku. c)Irrizulta ulterjorment li ir-raba' in kwistjoni, ta' kejl ta' madwar 20 tomna hu maqsum fi tnejn li parti wahda uzata ghall-insib u kacca u bi parti ohra mahduma "sewwa skond il-mestier". In rigward dawn l-ahhar punt jinghad li Emanuel Ciantar ( ara fuq) spjega u xehed li l-art in kwistjoni jahdimha kolha hu, almenu dik il-parti li tista' u hi effettivament mahduma. Jidher b'mod car li dan jinkwadra ruhu taht dak li hemm mahsub fl-artikolu 4 (2) (2) tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidra

Illi mill-premess jidher li ir-rikorrenti issostanzja, mill-provi prodotti minnu, il-kawzali kollha ta' dan ir-rikors. In rigward dan issir referenza ukoll ghar-rapport tal-membri teknici tal-Bord (ara fuq) kif ukoll ghal fatt li kif jidher mill-atti tal-kawza avolja inghata opportunita' ampja, l-intimat naqas milli jgib xi prova in sostenn tat-2 u 3 paragrafu tar-risposta tieghu a fol 8 tal-atti.

Jigi sottolineat li l-intimat ma ipproduca l-ebda hjiel ta' prova sabiex almenu juri li dak kollu li gara kien bil-kunsens car u inekwivoku tar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna li l-intimat jizgombra mill-ghalqa in kwistjoni imsejha ta' Sinserna

f'Birzebbuga kif ukoll mir-razzett hemm fuq imsemmi u dan sas-16 ta' Awissu 1999.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

AlanCalleja/Dep.Reg.                Magistrat